



Skeda Informattiva

Rapport tar-Reġistri tal-Kuntratti

Ottubru 2018

Kuntest

Ir-Rapport dwar ir-Reġistri tal-Kuntratti (CR) ġie prodott fl-2017 mill-Grupp ta' Esperti ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati dwar l-akkwist elettroniku (EXEP) biex dan jagħti pariri lill-partijiet ikkonċernati ewlenin Ewropej fit-titjib tal-ġbir tad-*data* u tar-responsabbiltà f'livell nazzjonali. Dan jipprovdi għal esperjenzi, għall-aħjar prattiki u għal rakkomandazzjonijiet siewja biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni ta' dan it-tip ta' għodod ta' governanza. Ir-rakkomandazzjonijiet jew it-tagħlimiet miksuba mill-aħjar prattiki jistgħu jiġu vvalutati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri (SM) tal-UE.

Objettivi

Ir-rapport għandu l-għan li joħloq bażi komuni ta' fehim, li jidentifika sett ta' linji gwida bbażati fuq soluzzjonijiet eżistenti fl-iSM u jipproponi sett ta' rakkomandazzjonijiet mhux obligatorji għall-iżvilupp ta' soluzzjoni komprensiva tas-CR.

Outputs Ewlenin

CR hu definit bħala funzjoni, jew modulu, ta' sistema tal-akkwist pubbliku li tiġbor *data* strutturata u informazzjoni mhux strutturata tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kuntratt, f'livell rilevanti għall-governanza (eż. livell tal-pajjiż, livell reġjonali). Din il-funzjoni, jew dan il-modulu, jintuża wkoll biex tiġi ddivulgata informazzjoni. Il-grad ta' divulgazzjoni jiddependi mill-preferenzi nazzjonali.

Il-benefiċċji tas-CR, f'livell nazzjonali, ikunu jinkludu:

- l-għoti tal-possibbiltà biex il-partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku jkunu jafu b':
 - dak li tħabbar (intenzjoni);
 - dak li ġie kuntrattat (ftehim);
 - dak li sar (implimentazzjoni).
- l-aġir bħala strument ta' responsabbiltà tal-Istat. Politika dwar it-trasparenza fl-Akkwist Pubbliku żżid il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Ir-Rapport fih għaxar rakkomandazzjonijiet imfassla biex jindirizzaw kwistjonijiet komuni u dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- ibni CR li tissodisfa l-politiki tal-iSM, li tkun aċċessibbli u affidabbli;
- kopri iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-akkwist għall-kuntratti kollha;
- ipprevjeni d-dħul duplikat ta' *data*/informazzjoni importanti: CR bħala Speditur elettroniku, skambju ta' *data* bejn sistemi eżistenti, allinja mad-*data*/info minn formoli standard;
- ikkomunika l-benefiċċji lil utenti potenzjali u għamilha eħfef biex tintuża d-*data*;
- poġġi s-sjeda tas-CR fi ħdan is-settur pubbliku.

Links

Il-verzjoni sħiħa tar-Rapport hija disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/26421>

Kliem ewlieni

Reġistri tal-kuntratti; Trasparenza; Akkontabbiltà; Data; Akkwist elettroniku